VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,982, 26 ta' Ottubru, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 368 tal-2012**

## ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

## Ordni tal-2012 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2012 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5).

Proprjetà speċifikata.

**2.** Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

**3.** Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-2 t'Ottubru, 2012.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

**4.** Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tikkonsisti fi Plots 1 sa 17 fil-Qasam tad-Djar ta' Gebel Anxjur f'Wied il-Għajn, ta' madwar 3, 386 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' Triq il-Qrempuċ, mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Triq l-Iskal. Din l-art tinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 494, 495 u 507 datat 3 ta' Mejju, 2012 u delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2012_644 (HAM 59/80).

(2) Żewġ biċċiet art fil-Qasam tad-Djar tad-Dib fil-Mosta kif ġej:-

(a) biċċa art magħrufa bħala Sit A, li tikkonsisti fi Plots 72 sa 77, ta' madwar 1, 397 metru kwadru. Dan is-sit imiss

mal-Lvant ma' Triq Vnezja, min-Nofsinhar ma' Triq Alofju Wignacourt u mill-Punent ma' Triq il-Ballata u jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenements X05519 sa X05524 u delineat bl-aħmar u mmarkat "A" fuq il-pjanta P.D. 2012_700;

(b) biċċa art magħrufa bħala Sit B, li tikkonsisti fi Plots 91 sa 96, ta' madwar 1, 410 metru kwadru. Dan is-sit imiss mal-Punent ma' Triq Vnezja, min-Nofsinhar ma' Triq Alofju Wignacourt u mit-Tramuntana ma' proprjetà li tinsab fil-proċess li tiġi akkwistata mill-Gvern u reġistrata mal-Gvern bħala Tenements X05538 sa X05543 u delineata bl-aħmar u mmarkat "B" fuq il-pjanta P.D. 2012_700.

Iż-żewġ siti ġew akwistati mill-Gvern bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 815 datat 30 ta' Lulju 2012. (HAM 856/88).

(3) Biċċa art li tikkonsisti fi Plots 42 sa 58 u 76 sa 80 fil-Qasam tad-Djar Ta' Kirċippu fis-Siġġiewi, ta' madwar 5, 311 metru kwadru u li tmiss mill-Grigal parzjalment ma' Triq in-Nirien u parzjalment ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, mil-Lbiċ ma' Triq Karmenu Vassallo u mix-Xlokk ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar. Dawn il-plots jinsabu reġistrati bħala Tenements X03669 sa X03683, X02115 u X02116, u X03684 sa X03688 u jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 611 u 612 datati 6 ta' Ġunju 2012, b'Kuntratt Nru. 223 datat 29 ta' Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar V. Miceli, b'Kuntratt Nru. 95 datat l-1 ta' Ġunju 2009 fl-atti tan-Nutar D. Charles, b'Ċedola Nru. 140 datat 31 ta' Jannar 2003, u fuq art tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50683. L-art li fuqha jinsabu dawn il-plots tinsab delinata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 52_89_5. (HAM 205/81).

(4) Biċċa art magħrufa bħala Plot 204, fi Triq ir-Rand, f'Santa Luċija, ta' madwar 213.79 metru kwadru u li tmiss mil-Lbiċ ma' Triq ir-Rand, mill-Grigal ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar u mill-Majjistral ma' proprjetà mogħtija b'ċens perpetwu. L-art hi soġġetta għal ċens perpetwu b'Kuntratt Nru. 314 datat 9 ta' September, 1976 fl-atti tan-Nutar A. Grech. L-art tinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 545 datat 22 ta' Lulju, 1974 u b'Kuntratt Nru. 550 datat 13 ta' Ġunju, 1975 it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Attard u tinsab reġistrata fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 41367 u tinsab delineata bl-aħmar u markata "(P. 204 No.8)" fuq il-pjanta L.D. 11/82/78. (HAP 7/2012).

(5) Biċċa art magħrufa bħala Plot 135, fi Triq is-Sardinell, li tifforma parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern ta' San Ġwann, Neighbourhood II, f'San Ġwann, ta' madwar 127.47 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern mogħtija b'ċens temporanju, mill-Lvant ma' Triq is-Sardinell u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern. L-art hi soġġetta għal ċens perpetwu b'Kuntratt Nru. 40/78 P datat 15 ta' Novembru, 1978 fl-atti tan-Nutar F. Pellegrini. L-art tinsab fuq parti minn proprjetà tal-Gvern li kienet qabel reġistrata bħala Tenement Nru. 51328 u tinsab reġistrata fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 41546 u tinsab delineata bl-aħmar u markata "P. 135" fuq il-pjanta L.D. 128/80/25. (HAP 2/2012).

(6) Biċċa art magħrufa bħala Plot 104 fi Triq iċ-Ċikas, Bulebel iż-Żgħir, Żabbar H.O.S., Żabbar. Plot 104 hu ta' madwar 119 metru kwadru u soġġett għal ċens temporanju b'Kuntratt Nru. 313 datat 10 t'Ottubru, 1970 fl-atti tan-Nutar A. Grech. Il-plot imsemmi jmiss min-Nofsinhar ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, mil-Lvant ma' Triq iċ-Ċikas, u mill-Punent ma' spazju miftuħ. Plot 104 kien qabel reġistrat bħala Tenement Nru. 50785 u jinsab reġistrat fl-atti tad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 65922, u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat 'Plot 104' fuq il-pjanta L.D. 37/81/39. (HAP 3/2011).